Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,195, 20 ta' Frar, 2024

Taqsima B

A.L. 32 tal-2024

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti tal-2024 dwar Livell Minimu Globali ta' Tassazzjoni għal Gruppi ta' Intrapriżi Multinazzjonali u Gruppi Domestiċi fuq Skala Kbira fl-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B u 96 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

L-Ewwel Taqsima
Dispożizzjonijiet Ġenerali

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2024 dwar Livell Minimu Globali ta' Tassazzjoni għal Gruppi ta' Intrapriżi Multinazzjonali u Gruppi Domestiċi fuq Skala Kbira fl-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni Ewropea.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2023 u għandhom ikunu applikabbli fir-rigward ta' snin fiskali li jibdew mill-31 ta' Diċembru 2023.

Applikabbiltà.

2. (1) Bħala riżultat tal-għażla meħuda skont it-termini tal-Artikolu 50(1) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022, għal perjodu massimu ta' sitt (6) snin fiskali konsekuttivi li jibdew mill-31 ta' Diċembru 2023, dawn ir-regolamenti għandhom ikunu limitati għad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitoli I, VIII, IX u X, li ġew stabbiliti bħala l-miżuri minimi li huma ta' rilevanza biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi ta skala kbira, kif stabbilit fl-imsemmija Direttiva.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-entitajiet kostitwenti li jinsabu f'Malta li huma membri ta' grupp intrapriżi multinazzjonali jew grupp domestiku fuq skala kbira, kif imfisser fir-regolament 3, li għandu dħul annwali ta' sebgħa mija u ħamsin miljun euro (€750,000,000) jew aktar, inkluż id-dħul tal-entitajiet eskluži

msemmija fis-subregolament (4), fir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-entità prinċipali aħħarija tagħha f'mill-inqas sentejn (2) mill-erba' (4) snin fiskali minnufih qabel is-sena fiskali ttestjata.

(3) Meta waħda (1) jew aktar mill-erba' (4) snin fiskali msemmijin fis-subregolament (2) tkun itwal jew iqsar minn tnax-il (12) xahar, il-limitu tad-dħul imsemmi f'dak is-subregolament għandu jiġi aġġustat proporzjonalment għal kull waħda minn dawk is-snin fiskali.

(4) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għall-entitajiet eskluži li ġejjin:

(a) entità governattiva, organizzazzjoni internazzjonali, organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, fond ta' pensjoni, fond ta' investiment li tkun entità omm apikali jew veikolu ta' investiment immobiljari li tkun entità omm apikali;

(b) entità fejn tal-anqas ħamsa u disgħin fil-mija (95%) tal-valur tal-entità tkun proprjetà ta' entità waħda (1) jew aktar imsemmijin fil-paragrafu (a), direttament jew permezz ta' entità waħda (1) jew diversi entitajiet eskluži, minbarra entitajiet tas-servizzi tal-pensjoni, u li:

(i) topera esklużivament, jew kważi esklużivament, sabiex iżżomm assi jew fondi ta' investiment għall-benefiċċju tal-entità jew tal-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu (a); jew

(ii) twettaq esklużivament attivitajiet anċillari għal dawk imwettqin mill-entità jew mill-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu (a);

(ċ) entità fejn tal-anqas ħamsa u tmenin fil-mija (85%) tal-valur tal-entità tkun proprjetà, direttament jew permezz ta' entità waħda (1) jew diversi entitajiet eskluži, minn waħda (1) jew aktar entitajiet imsemmijin fil-paragrafu (a), minbarra entitajiet tas-servizzi tal-pensjoni, iżda li sostanzjalment l-introjtu kollu tagħha jkun derivat minn dividendi, gwadann ta' ekwità jew telf ta' ekwità li jkun eskluż mill-komputazzjoni tal-introjtu jew telf kwalifikanti f'konformità mal-Artikolu 16(2)(b) u (ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni Ewropea.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (4), l-entità kostitwenti dikjaranti tista' tagħmel għażla, f'konformità mar-regolament 6(1), biex ma tittrattax entità msemmija fis-subregolament (4)(b) u (ċ) bħala entità eskluża.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali" tfisser id-Direttiva (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi regoli dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi ta' skala kbira fl-Unjoni Ewropea;

"distorsjoni materjali tal-kompetizzjoni" tfisser, fir-rigward tal-applikazzjoni ta' prinċipju jew ta' proċedura speċifika skont sett ta' prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettabbli, applikazzjoni li tirriżulta f'varjazzjoni aggregata tal-introjtu jew tal-ispejjeż ta' aktar minn ħamsa u sebgħin miljun euro (€ 75,000,000) f'sena fiskali meta mqabbel mal-ammont li kien jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tal-prinċipju jew tal-proċedura korrispondenti skont l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS jew IFRS kif adottati mill-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002);

"entità" tfisser kwalunkwe arranġament ġuridiku li jħejji kontijiet finanzjarji separati jew kwalunkwe persuna ġuridika;

"entità dikjaranti dežinjata" tfisser l-entità kostitwenti, minbarra l-entità omm apikali, li tkun inħatret mill-grupp MNE jew il-grupp domestiku fuq skala kbira sabiex twettaq l-obbligi ta' preżentazzjoni stipulati fir-regolament 5 f'isem il-grupp MNE jew il-grupp domestiku fuq skala kbira;

"entità eskluża" tfisser kull entità kif deskritta fir-regolament 2(6);

"entità ewlenija" tfisser entità li tinkludi l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' stabbiliment permanenti fir-rapporti finanzjarji tagħha;

"entità governattiva" tfisser entità li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) hija parti minn, jew proprjetà sħiħa, ta' gvern, inkluż kwalunkwe sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu;

(b) ma twettaqx kummerċ jew negozju u l-għan prinċipali tagħha huwa:

(i) it-twettiq ta' funzjoni tal-gvern; jew

(ii) il-ġestjoni jew l-investiment tal-assi ta' dak il-gvern jew tal-ġurisdizzjoni permezz tat-twettiq u ż-żamma ta' investimenti, il-ġestjoni tal-assi, u attivitajiet ta' investiment relatati għall-assi ta' dak il-gvern jew tal-ġurisdizzjoni;

(ċ) hija responsabbli lejn gvern dwar il-prestazzjoni ġenerali tagħha, u tipprovdi rappurtar ta' informazzjoni annwali għal dak il-gvern; u

(d) l-assi tagħha vestiti f'gvern max-xoljiment u, sal-punt li tqassam il-qligħ nett, tali qligħ nett jitqassam biss lil dak il-gvern mingħajr ebda sehem mill-qligħ nett tiegħu għall-benefiċċju ta' kwalunkwe persuna privata;

"entità kostitwenti" tfisser:

(a) kwalunkwe entità li tkun parti minn grupp MNE jew minn grupp domestiku fuq skala kbira; u

(b) kwalunkwe stabbiliment permanenti ta' entità prinċipali li tkun parti minn grupp MNE msemmi fil-paragrafu (a);

"entità kostitwenti b'taxxa baxxa" tfisser:

(a) entità kostitwenti ta' grupp MNE jew ta' grupp domestiku fuq skala kbira li jinsab f'ġurisdizzjoni b'rata baxxa ta' tassazzjoni; jew

(b) entità kostitwenti mingħajr stat li, fir-rigward ta' sena fiskali, ikollha introjtu kwalifikanti u rata tat-taxxa effettiva li tkun aktar baxxa mir-rata tat-taxxa minima;

"entità kostitwenti dikjaranti" tfisser entità li tissottometti dikjarazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari f'konformità mar-regolament 5;

"entità omm" tfisser entità omm apikali li ma hijiex entità eskluża, entità omm intermedja jew entità omm posseduta parzjalment;

"entità omm apikali" tfisser:

(a) entità li tkun is-sid, b'mod dirett jew indirett, ta' interess kontrollanti fi kwalunkwe entità oħra u li ma tkunx proprjetà, b'mod dirett jew indirett, ta' entità oħra b'interess kontrollanti fiha; jew

(b) l-entità ewlenija ta' grupp kif deskritta fil-paragrafu (b) tat-tifsira ta' "grupp";

"entità omm intermedja" tfisser entità kostitwenti li jkollha, direttament jew indirettament, interess proprjetarju f'entità kostitwenti oħra fl-istess grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira u li ma tikkwalifikax bħala entità omm apikali, entità omm posseduta parzjalment, stabbiliment permanenti jew entità ta' investiment;

"entità omm posseduta parzjalment" tfisser entità kostitwenti li tkun is-sid, b'mod dirett jew indirett, ta' interess proprjetarju f'entità kostitwenti oħra tal-istess grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira, u li għaliha aktar minn għoxrin fil-mija (20%) tal-interess proprjetarju fil-profitti tagħha jkun miżmum, b'mod dirett jew indirett, minn persuna jew diversi persuni li ma jkunux entitajiet kostitwenti ta' dak il-grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira u li ma tikkwalifikax bħala entità omm apikali, stabbiliment permanenti jew entità ta' investiment;

"entità passarella" (flow-through) tfisser entità sal-punt li hija fiskalment trasparenti fir-rigward tal-introjtu, tan-nefqa, tal-profitt jew tat-telf tagħha fil-ġurisdizzjoni fejn tkun inħolqot dment li mhix residenti tat-taxxa u soġġetta għal taxxa koperta fuq l-introjtu jew fuq il-profitt tagħha f'ġurisdizzjoni oħra. Entità passarella titqies li hija:

(a) entità trasparenti fit-taxxa fir-rigward tal-introjtu, tan-nefqa, tal-profitt jew tat-telf tagħha sal-punt li tkun fiskalment trasparenti fil-ġurisdizzjoni fejn jinsab is-sid tagħha;

(b) entità ibrida inversa fir-rigward tal-introjtu, tan-nefqa, tal-profitt jew tat-telf tagħha sal-punt li ma tkunx fiskalment trasparenti fil-ġurisdizzjoni fejn jinsab is-sid tagħha;

Għall-finijiet ta' din it-tifsira, "entità fiskalment trasparenti" tfisser entità li l-introjtu, in-nefqa, il-profitt jew it-telf tagħha jiġi ttrattat mil-liġijiet ta' ġurisdizzjoni daqslikieku kien derivat jew imġarrab direttament mis-sid ta' dik l-entità bi proporzjon għall-

interess ta' dik l-entità. Interess proprjetarju f'entità jew stabbiliment permanenti li huwa entità kostitwenti għandu jiġi ttrattat bħala miżmum permezz ta' struttura trasparenti tat-taxxa jekk dak l-interess proprjetarju jinżamm indirettament permezz ta' katina ta' entitajiet trasparenti tat-taxxa. Entità kostitwenti li ma hijiex residenti tat-taxxa u li ma hijiex soġġetta għal taxxa koperta jew għal taxxa kumplimentari domestika kwalifikata fuq il-bażi tal-post ta' ġestjoni tagħha, tal-post ta' ħolqien tagħha jew ta' kriterji simili għandha tiġi trattata bħala entità passarella u entità trasparenti fit-taxxa fir-rigward tal-introjtu, tan-nefqa, tal-profitt jew tat-telf tagħha sal-punt li:

(a) is-sidien tagħha jkunu jinsabu f'ġurisdizzjoni li tittratta lill-entità bħala fiskalment trasparenti;

(b) ma jkollhiex post tan-negozju fil-ġurisdizzjoni fejn tkun inħolqot; u

(ċ) l-introjtu, in-nefqa, il-profitt jew it-telf ma jkunx attribwibbli għal stabbiliment permanenti;

"entità ta' investiment" tfisser:

(a) fond ta' investiment jew veikolu ta' investiment fil-proprjetà immobbli;

(b) entità li tkun tal-anqas ħamsa u disgħin fil-mija (95%) proprjetà b'mod dirett minn entità msemmija fil-paragrafu (a) jew permezz ta' katina ta' tali entitajiet u li topera esklużivament jew kważi esklużivament sabiex iżżomm assi jew tinvesti fondi għall-benefiċċju tagħhom; jew

(ċ) entità li minimu ta' ħamsa u tmenin fil-mija (85%) tal-valur tal-entità jkun proprjetà ta' entità msemmija fil-paragrafu (a), diment li sostanzjalment l-introjtu kollu tagħha jkun derivat minn dividendi jew minn gwadann ta' ekwità jew telf ta' ekwità li jkun eskluż mill-komputazzjoni tal-introjtu jew telf kwalifikanti għall-finijiet tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali;

"entità tas-servizzi tal-pensjonijiet" tfisser entità li hija stabbilita u operata esklużivament jew kważi esklużivament sabiex tinvesti fondi għall-benefiċċju tal-entitajiet imsemmijin fl-paragrafu (a) tat-tifsira ta' "fond ta' pensjoni" jew sabiex twettaq attivitajiet li huma anċillari għall-attivitajiet regolati msemmijin fl-paragrafu (a) tat-tifsira ta' "fond ta' pensjoni",

dment li l-entità tas-servizzi tal-pensjonijiet tkun tifforma parti mill-istess grupp bħall-entitajiet li jwettqu dawk l-attivitajiet regolati;

"fond ta' investiment" tfisser entità jew arranġament li jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) huwa mfassal sabiex jiġbor assi finanzjarji jew mhux finanzjarji minn numru ta' investituri, li wħud minnhom mhumiex konnessi;

(b) jinvesti f'konformità ma' politika ta' investiment definita;

(ċ) jippermetti lill-investituri jnaqqsu l-ispejjeż tat-transazzjonijiet, tar-riċerka u dawk analitiċi jew li jferrxu r-riskju b'mod kollettiv;

(d) huwa primarjament imfassal sabiex jiġġenera introjtu jew gwadann mill-investiment, jew protezzjoni kontra avveniment jew eżitu partikolari jew ġenerali;

(e) l-investituri tiegħu għandhom dritt għal redditu mill-assi tal-fond jew mill-introjtu miksub minn dawk l-assi, fuq il-bażi tal-kontribuzzjoni li jkunu għamlu;

(f) huwa, jew il-maniġment tiegħu, ikun soġġett għar-reġim regolatorju, inkluż regolamentazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u dwar il-protezzjoni tal-investitur, għall-fondi ta' investiment fil-ġurisdizzjoni li fiha jkun stabbilit jew ġestit; u

(g) huwa ġestit minn professjonisti tal-ġestjoni tal-fondi ta' investiment f'isem l-investituri;

"fond ta' pensjoni" tfisser:

(a) entità li hija stabbilita u operata f'ġurisdizzjoni esklużivament jew kważi esklużivament sabiex tamministra jew tipprovdi benefiċċji tal-irtirar u benefiċċji anċillari jew inċidentali lill-individwi fejn:

(i) dik l-entità hija regolata bħala tali minn dik il-ġurisdizzjoni jew waħda mis-suddiviżjonijiet politiċi jew l-awtoritajiet lokali tagħha; jew

(ii) dawk il-benefiċċji huma garantiti jew protetti b'xi mod ieħor minn regolamenti nazzjonali u

ffinanzjati minn grupp ta' assi miżmuma permezz ta' arranġament fiduċjarju jew fiduċjarju biex jiġi żgurat it-twettiq tal-obbligi tal-pensjoni korrispondenti kontra każ ta' insolvenza tal-grupp MNE u grupp domestiku fuq skala kbira;

(b) entità tas-servizzi tal-pensjonijiet;

"grupp" tfisser:

(a) ġabra ta' entitajiet li huma relatati permezz ta' sjieda jew kontroll kif iddefinit mill-istandard kontabilistiku finanzjarju aċċettabbli għat-tħejjija ta' rapporti finanzjarji konsolidati mill-entità omm apikali, inkluż kwalunkwe entità li setgħet ġiet eskluża mir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-entità omm apikali bbażata biss fuq id-daqs żgħir tagħha, fuq ir-raġunijiet ta' materjalità jew fuq il-bażi li tinżamm għall-bejgħ; jew

(b) entità li għandha stabbiliment permanenti wieħed (1) jew aktar, dment li ma tkunx parti minn grupp ieħor kif iddefinit fil-paragrafu (a);

"grupp domestiku fuq skala kbira" tfisser kwalunkwe grupp li l-entitajiet kostitwenti kollha tiegħu jinsabu f'Malta;

"grupp MNE" tfisser kwalunkwe grupp li jinkludi tal-anqas entità waħda (1) jew stabbiliment permanenti wieħed li ma jkunx jinsab fil-ġurisdizzjoni tal-entità omm apikali;

"ġuriżdizzjoni b'rata baxxa ta' taxxa" tfisser fir-rigward ta' grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira fi kwalunkwe sena fiskali, Stat Membru jew ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz li fiha l-grupp MNE jew il-grupp domestiku fuq skala kbira jkollu introjtu kwalifikanti u huwa soġġett għal rata tat-taxxa effettiva li tkun aktar baxxa mir-rata tat-taxxa minima;

"IIR kwalifikata" tfisser sett ta' regoli li huma implimentati fil-liġi domestika ta' ġurisdizzjoni, dment li tali ġurisdizzjoni ma tipprovdi l-ebda benefiċċju li huwa relatat ma' dawk ir-regoli, u li:

(a) huwa ekwivalenti għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali jew, fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija tar-Regoli Mudell Globali Kontra l-Erożjoni

tal-Bażi tat-Taxxa (it-Tieni Pilastru) (Regoli Mudell tal-OECD), li f'konformità magħhom l-entità omm ta' grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira jikkalkula u jħallas is-sehem allokat tiegħu tat-taxxa kumplimentari fir-rigward tal-entitajiet kostitwenti b'taxxa baxxa ta' dak il-grupp;

(b) hija amministrata b'mod li huwa konsistenti mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea Dwar it-Taxxa Minima Globali jew, fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, mar-Regoli Mudell tal-OECD;

"interess kontrollanti" tfisser interess proprjetarju f'entità li bih id-detentur tal-interess:

(a) ikun meħtieġ, jew kien ikun meħtieġ, jikkonsolida l-assi, l-obbligazzjonijiet, l-introjtu, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus tal-entità fuq bażi linja b'linja, f'konformità ma' standard aċċettabbli tal-kontabilità finanzjarja; jew

(b) kien ikun meħtieġ li jikkonsolida l-assi, l-obbligazzjonijiet, l-introjtu, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus tal-entità fuq bażi linja b'linja li kieku id-detentur tal-interess kien ipprepara rapporti finanzjarji konsolidati:

Iżda entità ewlenija titqies li jkollha fil-pussess tagħha l-interessi kontrollanti fl-istabbilimenti permanenti tagħha;

"interess proprjetarju" tfisser kwalunkwe interess ta' ekwità li jġorr drittijiet għall-profitti, għall-kapital jew għar-riżervi ta' entità jew ta' stabbiliment permanenti;

"introjtu jew telf kwalifikanti" tfisser l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' entità kostitwenti aġġustat f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-Kapitoli III, VI u VII tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali;

"kreditu ta' taxxa rimborżabbli kwalifikat" tfisser:

(a) kreditu ta' taxxa rimborżabbli mfassal b'tali mod li trid titħallas bħala ħlas fi flus jew ekwivalenti ta' flus għal entità kostitwenti fi żmien erba' (4) snin mid-data meta l-entità kostitwenti tkun intitolata tirċievi l-kreditu ta' taxxa rimborżabbli skont il-liġijiet tal-ġurisdizzjoni li

tagħti l-kreditu; jew

(b) jekk il-kreditu ta' taxxa jkun parzjalment rimborżabbli, il-porzjon tal-kreditu ta' taxxa rimborżabbli li jkun pagabbli bħala ħlas fi flus jew ekwivalenti ta' flus lil entità kostitwenti fi żmien erba' (4) snin mid-data meta l-entità kostitwenti tkun intitolata tirċievi l-kreditu ta' taxxa rimborżabbli parzjali:

Iżda kreditu ta' taxxa rimborżabbli kwalifikat ma jinkludix kull ammont ta' taxxa kreditabbli jew rimborżabbli skont taxxa tal-imputazzjoni kwalifikata jew taxxa tal-imputazzjoni rimborżabbli skwalifikata;

"kreditu ta' taxxa rimborżabbli mhux kwalifikat" tfisser kreditu ta' taxxa li mhuwiex kreditu ta' taxxa rimborżabbli kwalifikat iżda li jista' jiġi rimborżat kompletament jew parzjalment;

"il-Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana;

"organizzazzjoni internazzjonali" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattiva, inkluż organizzazzjoni supranazzjonali, jew aġenzija bi sjieda sħiħa jew l-istrumentalità tagħha li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) huwa magħmul primarjament minn gvernijiet;

(b) ikollha fil-fatt kwartieri ġenerali jew ftehim sostanzjalment simili fil-ġurisdizzjoni li fiha hija stabbilita, pereżempju arranġamenti li jintitolaw l-uffiċċji jew l-istabbilimenti tal-organizzazzjoni f'dik il-ġurisdizzjoni għal privileġġi u immunitajiet; u

(ċ) il-liġi jew id-dokumenti li jirregolawha jipprevjenu d-dħul tagħha għall-benefiċċju ta' persuni privati;

"organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ" tfisser entità li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) hija stabbilita u operata fil-ġurisdizzjoni ta' residenza tagħha:

(i) esklużivament għal skopijiet reliġjużi, ta' karità, xjentifiċi, artistiċi, kulturali, atletiċi, edukattivi jew oħrajn simili; jew

(ii) bħala organizzazzjoni professjonali, league tan-negozju, kamra tal-kummerċ, organizzazzjoni tax-xogħol, organizzazzjoni agrikola jew ortikulturali, league ċiviku jew organizzazzjoni mħaddma esklużivament għall-promozzjoni tal-benesseri soċjali;

(b) sostanzjalment id-dħul kollu mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu (a) huwa eżentat mit-taxxa fuq id-dħul fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tagħha;

(ċ) ma għandha l-ebda azzjonist jew membru li għandhom dritt jew interess benefiċjali fl-introjtu jew tal-assi tagħha;

(d) l-introjtu jew l-assi tal-entità ma jistgħux jitqassmu lil, jew jiġu applikati għall-benefiċċju ta' persuna privata jew entità mhux tal-karità għajr:

(i) skont it-tmexxija tal-attivitajiet tal-karità tal-entità;

(ii) bħala ħlas ta' kumpens raġonevoli għal servizzi mogħtija jew għall-użu ta' proprjetà jew kapital; jew

(iii) bħala pagament li jirrappreżenta l-valur ġust tas-suq tal-proprjetà li l-entità tkun xtrat;

(e) mat-terminazzjoni, il-likwidazzjoni jew ix-xoljiment tal-entità, l-assi kollha tagħha għandhom jitqassmu jew imorru lura għal organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ jew lill-gvern, inkluż kwalunkwe entità governattiva, tal-ġurisdizzjoni ta' residenza tal-entità jew kwalunkwe suddiviżjoni politika tagħha; u

(f) ma twettaqx kummerċ jew negozju li ma jkunx relatat direttament mal-iskopijiet li għalihom tkun ġiet stabbilita;

"rapporti finanzjarji konsolidati" tfisser:

(a) ir-rapporti finanzjarji mħejjija minn entità f'konformità ma' standard aċċettabbli tal-kontabilità finanzjarja, li fihom l-assi, l-obbligazzjonijiet, l-introjtu, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus ta' dik l-entità u ta' kwalunkwe entità li fiha għandha interess kontrollanti jiġu ppreżentati bħala dawk ta' unità ekonomika waħda;

(b) għall-gruppi definiti f'paragrafu (b) tat-tifsira ta' "grupp", ir-rapporti finanzjarji mħejjija minn entità f'konformità ma' standard tal-kontabilità finanzjarja aċċettabbli;

(ċ) ir-rapporti finanzjarji tal-entità omm apikali deskritta f'paragrafi (a) u (b) li ma jkunux imħejjija f'konformità ma' standard tal-kontabilità finanzjarja aċċettabbli u li jkunu ġew sussegwentement aġġustati sabiex jipprevjenu kwalunkwe distorsjoni kompetittiva materjali; u

(d) meta l-entità omm apikali ma tħejjix ir-rapporti finanzjarji kif deskritti f'paragrafi (a), (b) u (ċ), ir-rapporti finanzjarji li kienu jitħejjew li kieku l-entità omm apikali kienet meħtieġa tħejji tali rapporti finanzjarji f'konformità ma':

(i) standard tal-kontabilità finanzjarja aċċettabbli; jew

(ii) standard ieħor tal-kontabilità finanzjarja, u dment li tali rapporti finanzjarji jkunu ġew aġġustati sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni materjali tal-kompetizzjoni;

"rata minima tat-taxxa" tfisser ħmistax fil-mija (15%);

"reġim tat-taxxa għall-kumpaniji barranin kontrollati" tfisser sett ta' regoli tat-taxxa, għajr IIR kwalifikata, li permezz tagħhom azzjonist dirett jew indirett ta' entità barranija, jew l-entità ewlenija ta' stabbiliment permanenti, ikun soġġett għal tassazzjoni fuq is-sehem tiegħu ta' parti mill-introjtu jew tal-introjtu kollu ggwadanjat minn dik l-entità kostitwenti barranija, irrispettivament minn jekk dak l-introjtu jiġix distribwit lill-azzjonist;

"Regoli Mudell tal-OECD" iffissru Sfidi ta' Taxxa li Jqumu mid-Digitalizzazzjoni tal-Ekonomija - Mudell Globali Kontra l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa (it-Tieni Pilastru) approvati fl-14 ta' Diċembru 2021 mill-Qafas inklużiv tal-OECD/tal-G20 dwar il-BEPS;

"sena fiskali" tfisser il-perijodu kontabilistiku li fir-rigward tiegħu l-entità omm apikali ta' grupp MNE jew ta' grupp domestiku fuq skala kbira tħejji r-rapporti finanzjarji konsolidati tagħha jew, jekk l-entità omm apikali ma tħejjix ir-rapporti

finanzjarji konsolidati, is-sena kalendarja;

"sid ta' entità kostitwenti" tfisser entità kostitwenti li tkun is-sid, b'mod dirett jew indirett, ta' interess proprjetarju f'entità kostitwenti oħra tal-istess grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira;

"sistema tat-taxxa ta' distribuzzjoni eliġibbli" tfisser sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu li:

(a) timponi taxxa fuq l-introjtu fuq il-profitti biss meta dawk il-profitti jiġu ddistribwiti jew preżunti li jkunu distribwiti lill-azzjonisti, jew meta l-kumpanija ġġarrab ċerti spejjeż mhux tan-negozju;

(b) timponi taxxa b'rata ugwali għar-rata tat-taxxa minima jew ogħla minnha; u

(ċ) kienet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2021 jew qabel;

"stabbiliment permanenti" tfisser:

(a) post tan-negozju jew post preżunt tan-negozju li jinsab f'ġurisdizzjoni fejn jiġi ttrattat bħala stabbiliment permanenti f'konformità ma' trattat dwar it-taxxa applikabbli, dment li tali ġurisdizzjoni tintaxxa l-introjtu attribwibbli għaliha f'konformità ma' dispożizzjoni simili għall-Artikolu 7 tal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD fuq l-Introjtu u fuq il-Kapital, kif emendat;

(b) jekk ma jkun hemm l-ebda trattat tat-taxxa applikabbli, post tan-negozju jew post preżunt tan-negozju li jinsab f'ġurisdizzjoni li tintaxxa l-introjtu attribwibbli għal tali post tan-negozju fuq bażi netta b'mod simili għal dak li bih tintaxxa lir-residenti tat-taxxa tagħha stess;

(ċ) jekk ġurisdizzjoni ma jkollha l-ebda sistema ta' taxxa korporattiva, post tan-negozju jew post preżunt tan-negozju li jinsab f'tali ġurisdizzjoni li jiġi ttrattat bħala stabbiliment permanenti f'konformità mal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD fuq l Introjtu u fuq il-Kapital, kif emendat, dment li tali ġurisdizzjoni kien ikollha d-dritt ta' intaxxar tal-introjtu li kien ikun attribwibbli għall-post tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dik il-Konvenzjoni; jew

(d) post tan-negozju jew post preżunt tan-negozju li mhuwiex deskritt fil-paragrafi (a) sa (ċ) li permezz tiegħu l-

operazzjonijiet jitwettqu barra mill-ġurisdizzjoni fejn tinsab l-entità, dment li tali ġurisdizzjoni teżenta l-introjtu attribwibbli għal tali operazzjonijiet;

"standard aċċettabbli tal-kontabilità finanzjarja" tfisser Standards Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju (IFRS jew IFRS kif adottati mill-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (8)) u l-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati tal-Awstralja, tal-Brażil, tal-Kanada, tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea Ewropea, tal-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, ta' Hong Kong (iċ-Ċina), tal-Ġappun, tal-Messiku, ta' New Zealand, tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, tar-Repubblika tal-Indja, tar-Repubblika tal-Korea, tar-Russja, ta' Singapore, tal-Iżvizzera, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti tal-Amerka;

"standard tal-kontabilità finanzjarja awtorizzat" tfisser, fir-rigward ta' entità, sett ta' prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettabbli permessi minn korp tal-kontabilità awtorizzat fil-ġurisdizzjoni fejn tinsab dik l-entità; għall-finijiet ta' din it-tifsira, "korp tal-kontabilità awtorizzat" tfisser il-korp b'awtorità legali f'ġurisdizzjoni li jippreskrivi, jistabbilixxi jew jaċċetta standards kontabilistiċi għal finijiet ta' rapportar finanzjarju;

"taxxa kumplimentari" tfisser it-taxxa kumplimentari kkalkulata għal ġurisdizzjoni jew għal entità kostitwenti skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali;

"taxxa kumplimentari domestika kwalifikata" tfisser taxxa kumplimentari li hija implimentata fil-liġi domestika ta' ġurisdizzjoni dment li tali ġurisdizzjoni ma tipprovdi l-ebda benefiċċju li huwa relatat ma' dawk ir-regoli, u li:

(a) tipprovdi għad-determinazzjoni tal-profitti żejda tal-entitajiet kostitwenti li jinsabu f'dik il-ġurisdizzjoni f'konformità mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali jew, fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, ir-Regoli Mudell tal-OECD u l-applikazzjoni tar-rata minima tat-taxxa għal dawk il-profitti eċċessivi għall-ġurisdizzjoni u għall-entitajiet kostitwenti f'konformità mar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva jew, fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, ir-Regoli Mudell tal-OECD; u

(b) hija amministrata b'mod li huwa konsistenti

mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali jew, fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, ir-Regoli Mudell tal-OECD;

"taxxa tal-imputazzjoni rimborżabbli skwalifikata" tfisser kwalunkwe taxxa, minbarra taxxa tal-imputazzjoni kwalifikata, dovuta lil jew imħallsa minn entità kostitwenti li tkun:

(a) rimborżabbli lis-sid benefiċjarju ta' dividend distribwit minn tali entità kostitwenti fir-rigward ta' dak id-dividend jew kreditabbli mis-sid benefiċjarju kontra obbligazzjoni ta' taxxa għajr obbligazzjoni ta' taxxa fir-rigward ta' tali dividend; jew

(b) rimborżabbli lill-kumpanija distribwenti mad-distribuzzjoni ta' dividend lil azzjonist.

Għall-finijiet ta' dan it-terminu, "taxxa tal-imputazzjoni kwalifikata" tfisser taxxa koperta dovuta jew imħallsa minn entità kostitwenti, inkluż stabbiliment permanenti, li tkun rimborżabbli jew kreditabbli, lis-sid benefiċjarju tad-dividend distribwit mill-entità kostitwenti, jew fil-każ ta' taxxa koperta dovuta jew imħallsa minn stabbiliment permanenti, dividend distribwit mill-entità ewlenija, sal-punt li r-rifużjoni tkun pagabbli jew li l-kreditu jiġi pprovdut:

(a) minn ġurisdizzjoni għajr il-ġurisdizzjoni li tkun imponiet it-taxxi koperti;

(b) lil sid benefiċjarju tad-dividend li jkun soġġett għat-taxxa b'rata nominali li tkun ugwali jew taqbeż ir-rata minima tat-taxxa fuq id-dividend riċevut skont il-liġi domestika tal-ġurisdizzjoni li tkun imponiet it-taxxi koperti fuq l-entità kostitwenti;

(ċ) lil individwu li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividend u tat-taxxa residenti fil-ġurisdizzjoni li tkun imponiet it-taxxi koperti fuq l-entità kostitwenti u li jkun soġġett għat-taxxa b'rata nominali li tkun ugwali jew taqbeż ir-rata tat-taxxa standard applikabbli għall-introjtu ordinarju; jew

(d) lil entità governattiva, lil organizzazzjoni internazzjonali, lil organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ residenti, lil fond ta' pensjoni residenti, lil entità ta' investiment residenti li ma hijiex parti mill-grupp MNE jew

mill-grupp domestiku fuq skala kbira, jew lil kumpanija tal-assigurazzjoni tal-ħajja residenti sal-punt li d-dividend jiġi riċevut b'rabta mal-attivitajiet tal-fond ta' pensjoni residenti u huwa soġġett għat-taxxa b'mod simili ta' dividend riċevut minn fond ta' pensjoni:

Iżda għall-finijiet tal-paragrafu (d):

(i) organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ jew fond tal-pensjoni jkun residenti f'ġurisdizzjoni jekk jinħoloq u jiġi ġestit f'dik il-ġurisdizzjoni;

(ii) entità ta' investiment tkun residenti f'ġurisdizzjoni jekk tkun maħluqa u rregolata f'dik il-ġurisdizzjoni;

(iii) kumpanija tal-assigurazzjoni tal-ħajja hija residenti fil-ġurisdizzjoni fejn tkun tinsab;

"UTPR kwalifikata" tfisser sett ta' regoli implimentata fil-liġi domestika ta' ġurisdizzjoni, dment li tali ġurisdizzjoni ma tipprovdi l-ebda benefiċċju li huwa relatat ma' dawk ir-regoli, u li:

(a) huwa ekwivalenti għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali jew, fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, ir-Regoli Mudell tal-OECD, f'konformità magħha ġurisdizzjoni tiġbor is-sehem allokabbli tagħha tat-taxxa kumplimentari ta' grupp MNE li ma kienx impost skont l-IIR fir-rigward tal-entitajiet kostitwenti b'taxxa baxxa ta' dak il-grupp MNE;

(b) hija amministrata b'mod li huwa konsistenti mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali jew, fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, ir-Regoli Mudell tal-OECD;

"valur kontabilistiku nett tal-assi tanġibbli" tfisser il-medja tal-valuri tal-bidu u tat-tmiem tal-assi tanġibbli wara li jitqiesu d-deprezzament, it-tnaqqis u l-indeboliment akkumulati, kif irreġistrati fir-rapporti finanzjarji;

"veikolu ta' investiment immobiljari" tfisser entità taħt parteċipazzjoni azzjonarja wiesgħa li jkollha parteċipazzjoni predominanti fi proprjetà immobbli u li tkun soġġetta għal livell

wieħed ta' tassazzjoni, jew f'idejha jew f'idejn id-detenturi tal-interess tagħha, b'differiment ta' mhux aktar minn sena.

Il-post ta' entità kostitwenti.

4. (1). Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, entità għajr entità passarella għandha tiġi ddeterminata li tinsab fil-ġurisdizzjoni fejn hija kkunsidrata li hija residenti għal finijiet ta' taxxa abbażi tal-post ta' ġestjoni tagħha, il-post tal-ħolqien tagħha jew kriterji simili:

Iżda meta ma jkunx possibbli li jiġi determinat il-post ta' entità minbarra entità passarella fuq il-bażi ta' dan is-subregolament, għandu jitqies li hija tinsab fil-ġurisdizzjoni fejn tkun inħolqot.

(2) Entità passarella għandha titqies li hija mingħajr stat, sakemm ma tkunx l-entità omm apikali ta' grupp MNE jew ta' grupp domestiku fuq skala kbira jew ma tkunx meħtieġa tapplika IIR f'konformità mal-Artikoli 5, 6, 7 u 8 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali, f'liema każ l-entità passarella għandha titqies li tinsab fil-ġurisdizzjoni fejn tkun inħolqot.

(3) (a) Stabbiliment permanenti kif imfisser f'paragrafu (a) tal-istess terminu taħt regolament 3, għandu jiġi determinat bħala li jinsab fil-ġurisdizzjoni fejn jiġi ttrattat bħala stabbiliment permanenti u huwa soġġett għat-taxxa skont it-trattat dwar it-taxxa applikabbli.

(b) Stabbiliment permanenti kif imfisser f'paragrafu (b) tal-istess terminu taħt regolament 3, għandu jiġi determinat bħala li jinsab fil-ġurisdizzjoni fejn ikun soġġett għal tassazzjoni fuq il-bażi netta tal-preżenza kummerċjali tiegħu.

(ċ) Stabbiliment permanenti kif imfisser f'paragrafu (ċ) tal-istess terminu taħt regolament 3, għandu jiġi determinat bħala li jinsab fil-ġurisdizzjoni fejn jinsab.

(d) Stabbiliment permanenti kif imfisser f'paragrafu (d) tal-istess terminu taħt regolament 3, għandu jitqies mingħajr stat.

(4) (a) Meta entità kostitwenti tinsab f'żewġ (2) ġurisdizzjonijiet u dawk il-ġurisdizzjonijiet ikollhom trattat dwar it-taxxa applikabbli, l-entità kostitwenti għandha titqies li tinsab fil-ġurisdizzjoni fejn titqies li hija residenti għall-finijiet tat-taxxa skont dak it-trattat dwar it-taxxa.

(b) Meta t-trattat dwar it-taxxa applikabbli jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jilħqu ftehim reċiproku dwar ir-residenza preżunta għall-finijiet tat-taxxa tal-entità kostitwenti, u ma jintlaħaq l-ebda ftehim, għandu japplika s-subregolament (5).

(ċ) Meta ma jkun hemm l-ebda ħelsien minn taxxa

doppja skont it-trattat dwar it-taxxa applikabbli, minħabba l-fatt li entità kostitwenti tkun residenti għal finijiet tat-taxxa fiż-żewġ (2) partijiet kontraenti, għandu japplika s-subregolament (5).

(5) (a) Meta entità kostitwenti tinsab f'żewġ (2) ġurisdizzjonijiet u dawk il-ġurisdizzjonijiet ma jkollhomx trattat dwar it-taxxa applikabbli, l-entità kostitwenti għandha titqies li tinsab fil-ġurisdizzjoni li tkun imponiet l-ogħla ammont ta' taxxi koperti għas-sena fiskali.

(b) Għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-ammont ta' taxxi koperti msemmija f'paragrafu (a), l-ammont ta' taxxa mħallsa f'konformità ma' reġim tat-taxxa għall-kumpaniji barranin kontrollati ma għandux jitqies.

(ċ) Jekk l-ammont ta' taxxi koperti dovuti fiż-żewġ (2) ġurisdizzjonijiet ikun l-istess jew żero (0), l-entità kostitwenti għandha titqies li tkun tinsab fil-ġurisdizzjoni fejn ikollha l-ogħla ammont ta' esklużjoni tal-introjtu bbażat fuq is-sustanza kkalkulat fuq bażi ta' entità f'konformità mal-Artikolu 28 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali.

(d) Jekk l-ammont tal-esklużjoni tal-introjtu bbażata fuq is-sustanza fiż-żewġ (2) ġurisdizzjonijiet ikun l-istess jew żero (0), l-entità kostitwenti għandha titqies bħala mingħajr stat, sakemm ma tkunx entità omm apikali, f'liema każ għandha titqies li tinsab fil-ġurisdizzjoni fejn tkun inħolqot.

(6) Meta, bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' subregolamenti (4) u (5), entità omm tinsab f'ġurisdizzjoni fejn ma tkunx soġġetta għal IIR kwalifikata, hija għandha titqies li tkun soġġetta għal IIR kwalifikata tal-ġurisdizzjoni l-oħra, sakemm trattat dwar it-taxxa applikabbli ma jipprojbixxix l-applikazzjoni ta' tali regola.

(7) Meta entità kostitwenti tbiddel il-post tagħha matul sena fiskali, hija għandha titqies li tkun tinsab fil-ġurisdizzjoni fejn tkun tqieset li tinsab skont dan l-artikolu fil-bidu ta' dik is-sena fiskali.

It-Tieni Taqsima
Dispożizzjonijiet Amministrattivi

Obbligi ta' preżentazzjoni.

5. (1) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, japplikaw it-termini li ġejjin:

"entità lokali dežinjata" tfisser l-entità kostitwenti ta' grupp MNE jew ta' grupp domestiku fuq skala kbira li tinsab f'Malta u li nħatret mill-entitajiet kostitwenti l-oħra tal-grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira li jinsab f'Malta sabiex

tippreżenta d-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari jew tippreżenta n-notifiki f'konformità ma' dawn ir-regoli f'isimhom;

"ftehim kwalifikanti tal-awtoritajiet kompetenti" tfisser ftehim jew arranġament bilaterali jew multilaterali bejn żewġ (2) awtoritajiet kompetenti jew aktar li jipprevedi l-iskambju awtomatiku ta' dikjarazzjonijiet ta' informazzjoni annwali dwar it-taxxa kumplimentari.

(2) Entità kostitwenti li tinsab f'Malta għandha tissottometti dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari lill-Kummissarju f'konformità mas-subregolament (5):

Iżda t-tali dikjarazzjoni tista' tiġi ppreżentata minn entità lokali desinjata f'isem l-entità kostitwenti:

Iżda wkoll dik id-dikjarazzjoni għandha tkun fuq dik il-formula u b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jeħtieġ.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (2), entità kostitwenti ma għandhiex ikollha l-obbligu li tissottometti dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari lill-Kummissarju jekk tali dikjarazzjoni tkun ġiet ippreżentata, f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fis-subregolament (5), minn din:

(a) l-entità omm apikali li tinsab f'ġurisdizzjoni li jkollha fis-seħħ, għas-sena fiskali ta' rappurtar, ftehim kwalifikanti tal-awtoritajiet kompetenti ma' Malta; jew

(b) l-entità dikjaranti desinjata li tinsab f'ġurisdizzjoni li jkollha fis-seħħ, għas-sena fiskali ta' rappurtar, ftehim kwalifikanti ma' Malta.

(4) Meta tapplika s-subregolament (3), l-entità kostitwenti li tinsab f'Malta, jew l-entità lokali desinjata f'isimha, għandha tinnotifika lill-Kummissarju dwar l-identità tal-entità li tkun qed tippreżenta d-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari kif ukoll dwar il-ġurisdizzjoni li fiha tkun tinsab:

Iżda dik in-notifika għandha ssir lill-Kummissarju fuq dik il-formula u b'dak il-mod li l-Kummissarju jistabbilixxi.

(5) Id-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari għandha tiġi ppreżentata f'mudell standard u tinkludi l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira:

(a) l-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti, inkluż in-numri ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħhom, jekk ikun hemm, il-ġurisdizzjoni li fiha jkunu jinsabu u l-istatus tagħhom skont ir-regoli fid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali;

(b) informazzjoni dwar l-istruttura korporattiva ġenerali tal-grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira, inkluż l-interessi ta' kontroll fl-entitajiet kostitwenti miżmumin minn entitajiet kostitwenti oħrajn;

(ċ) informazzjoni li tkun neċessarja sabiex jiġu kkomputati:

(i) ir-rata tat-taxxa effettiva għal kull ġurisdizzjoni u t-taxxa kumplimentari ta' kull entità kostitwenti;

(ii) it-taxxa kumplimentari ta' membru ta' grupp ta' impriża konġunta;

(iii) l-allokazzjoni ta' taxxa kumplimentari skont l-IIR u l-ammont tat-taxxa kumplimentari tal-UTPR għal kull ġurisdizzjoni; u

(d) rekord tal-għażliet magħmulin f'konformità mad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet li jinsabu fis-subregolament (5), meta entità kostitwenti tkun tinsab f' Malta b'entità omm apikali li tinsab f'ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz li tapplika regoli li jkunu ġew ivvalutati bħala ekwivalenti għal dawn ir-regolamenti skont ir-regolament 13, l-entità kostitwenti jew l-entità lokali desinjata għandha tissottometti dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali, inkluż:

(i) l-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti kollha li fihom entità omm posseduta parzjalment li tinsab f'Malta jkollha, direttament jew indirettament, interess proprjetarju fi kwalunkwe żmien matul is-sena fiskali u l-istruttura tat-tali interessi proprjetarji;

(ii) l-informazzjoni kollha li tkun neċessarja sabiex tiġi kkalkulata r-rata tat-taxxa effettiva tal-ġurisdizzjonijiet li fihom entità omm posseduta parzjalment li tinsab f'Malta

jkollha interessi ta' sjieda f'entitajiet kostitwenti identifikati taħt is-subparagrafu (i) u t-taxxa kumplimentari dovuta; u

(iii) l-informazzjoni kollha li hija relevanti għal dak il-għan skont l-Artikoli 9, 10 jew 11 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali;

(b) l-informazzjoni kollha neċessarja għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tad- tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar l-Iżgurar ta' Livell Minimu Globali ta' Tassazzjoni, inkluż:

(i) l-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti kollha li jinsabu fil-ġurisdizzjoni tal-entità omm apikali u l-istruttura tat-tali interessi proprjetarji;

(ii) l-informazzjoni kollha li tkun neċessarja sabiex tiġi kkalkulata r-rata tat-taxxa effettiva tal-ġurisdizzjoni tal-entità omm apikali u t-taxxa kumplimentari dovuta tagħha;

(iii) l-informazzjoni kollha neċessarja għall-allokazzjoni ta' taxxa kumplimentari bħal din ibbażata fuq il-formula ta' allokazzjoni tal-UTPR stipulata fl-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali.

(ċ) l-informazzjoni kollha li tkun neċessarja għall-applikazzjoni ta’ taxxa kumplimentari domestika kwalifikata minn kwalunkwe Stat Membru li jkun għażel li japplika tali taxxa kumplimentari, f’konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali.

(7) (a) Id-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari msemmija fis-subregolamenti (5) u (6) għandha tiġi preżentata lill-Kummissarju mhux aktar tard minn ħmistax-il (15) xahar wara l-aħħar jum tas-sena fiskali ta' rappurtar;

(b) Kwalunkwe notifika relevanti skont dan ir-regolament għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissarju mhux aktar tard minn tnax-il (12) xahar wara l-aħħar jum tas-sena fiskali ta' rappurtar.

Għażliet.

6. (1) Fejn applikabbli, l-għażliet imsemmija fir-regolament 2(7) u fl-Artikolu 16(3), (6) u (9), 42 u 43 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali għandhom ikunu validi għal perijodu ta' ħames (5) snin, li jibda mis-sena li fiha ssir l-għażla. L-għażla għandha tiġġedded awtomatikament sakemm l-entità kostitwenti dikjaranti ma tirrevokax l-għażla fi tmiem il-perijodu ta' ħames (5) snin. Revoka tal-għażla għandha tkun valida għal perijodu

ta' ħames (5) snin, li jibda minn tmiem is-sena li fiha ssir ir-revoka.

(2) Fejn applikabbli, l-għażliet imsemmija fl-Artikolu 16(7), fl-Artikoli 22(1)(b), 25(1), 28(2), 30(1) u 40(1) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali għandha tkun valida għal perijodu ta' sena (1). L-għażla għandha tiġġedded awtomatikament sakemm l-entità kostitwenti dikjaranti ma tirrevokax l-għażla fi tmiem is-sena.

(3) L-għażliet imsemmija fir-regolament 2(7), u fl-Artikolu 16(3), (6), (7), (9), 22(1)(b), 25(1), 28(2), 30(1), 40(1), 42 u 43 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali għandha ssir fir-rigward tal-amministrazzjoni tat-taxxa tal-Istat Membru li fih tinsab l-entità kostitwenti dikjaranti:

Iżda dik l-elezzjoni għandha ssir lill-Kummissarju fuq dik il-formula u b'dak il-mod li l-Kummissarju għandu jistabbilixxi.

Penalitajiet amministrattivi.

7. (1) Fejn entità kostitwenti li tinsab f'Malta jew l-entità lokali nominata f'isimha tonqos milli tippreżenta d-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari mal-Kummissarju skont ir-regolament 5(2) fiż-żmien stipulat fir-regolament 5(7)(a) hija għandha tkun soġġetta għal penalitajiet amministrattivi ta':

(a) mitejn euro (€200); u

(b) mitt euro (€100) għal kull jum li matulu kien jeżisti n-nuqqas:

Iżda din il-penali amministrattiva ma teċċedix b'kollox l-għoxrin elf euro (€20,000).

(2) Meta entità kostitwenti li tinsab f'Malta jew l-entità lokali nominata f'isimha tonqos milli tirrapporta l-informazzjoni meħtieġa li tiġi rrappurtata skont ir-regolament 5(5) b'mod sħiħ u preċiż, hija għandha tkun soġġetta għal penalitajiet amministrattivi ta':

(a) mitejn euro (€200); u

(b) ħamsin euro (€50) għal kull jum li matulu kien jeżisti n-nuqqas:

Iżda din il-penali amministrattiva ma għandhiex taqbeż b'kollox ħamest elef euro (€5,000).

(3) Fejn entità kostitwenti li tinsab f'Malta jew l-entità lokali nominata f'isimha tonqos milli tinnotifika lill-Kummissarju bl-identità tal-entità li qed tippreżenta, id-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-

taxxa kumplimentari kif ukoll il-ġurisdizzjoni li tinsab fiha f'termini ta' regolament 5(4) fiż-żmien stipulat fir-regolament 5(7)(b) teħel penalitajiet amministrattivi ta':

(a) mitejn euro (€200); u

(b) ħamsin euro (€50) għal kull jum li matulu kien jeżisti n-nuqqas:

Iżda din il-penali amministrattiva ma għandhiex taqbeż b'kollox ħamest elef euro (€5,000).

(4) Meta l-entità lokali nominata tonqos milli tinnotifika lill-Kummissarju bil-bidu tal-fażi inizjali tal-attività internazzjonali tal-grupp MNE skont ir-regolament 10(5) fiż-żmien stipulat fih, hija teħel penalitajiet amministrattivi ta':

(a) mitejn euro (€200); u

(b) ħamsin euro (€50) għal kull jum li matulu kien jeżisti n-nuqqas:

Iżda din il-penali amministrattiva ma għandhiex taqbeż b'kollox ħamest elef euro (€5,000).

It-Tielet Taqsima
Regoli ta' Transizzjoni

Trattament tat-taxxa ta' assi ta' taxxa differita, obbligazzjonijiet ta' taxxa differita u assi trasferiti mat-transizzjoni.

8. (1) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "sena ta' transizzjoni għal ġuriżdizzjoni" tfisser l-ewwel sena fiskali li fiha grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad- Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali fir-rigward ta' dik il-ġurisdizzjoni.

(2) (a) Meta tiġi ddeterminata r-rata tat-taxxa effettiva għal ġurisdizzjoni f'sena ta' transizzjoni, u għal kull sena fiskali sussegwenti, il-grupp MNE jew grupp domestiku fuq skala kbira għandu jqis l-assi ta' taxxa differita kollha u l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita riflessi jew żvelati fil-kontijiet finanzjarji tal-entitajiet kostitwenti kollha f'ġurisdizzjoni għas-sena ta' transizzjoni.

(b) Assi ta' taxxa differita u l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita għandhom jitqiesu fl-aktar livell baxx tar-rata minima tat-taxxa u tar-rata tat-taxxa domestika applikabbli. Madankollu, assi ta' taxxa differita li jkun ġie rreġistrat b'rata tat-taxxa aktar baxxa mir-rata minima tat-taxxa jista' jitqies bir-rata minima tat-taxxa jekk il-kontribwent ikun jista' juri li l-assi ta' taxxa differita jkun attribwibbli għal telf kwalifikanti.

(ċ) L-impatt ta' kwalunkwe aġġustament fil-valwazzjoni jew aġġustament fir-rikonoxximent kontabilistiku fir-rigward ta' assi ta' taxxa differita ma għandux jitqies.

(3) Assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn entrati eskluži mill-komputazzjoni tal-introjtu jew telf kwalifikanti f'konformità mal-Kapitolu III tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali għandhom jiġu eskluži mill-komputazzjoni msemmi fis-subregolament (2) meta t-tali assi ta' taxxa differita jiġu ġġenerati fi transazzjoni li sseħħ wara t-30 ta' Novembru 2021.

(4) Fil-każ ta' trasferiment ta' assi bejn entitajiet kostitwenti wara t-30 ta' Novembru 2021 u qabel il-bidu ta' sena ta' transizzjoni, il-bażi fl-assi akkwiżiti, minbarra l-inventorju, għandu jkun ibbażat fuq il-valur kontabilistiku tal-entità kostitwenti ta' disponiment tal-assi trasferiti fil-mument tad-disponiment, fejn assi u obbligazzjonijiet ta' taxxa differita jiġu ddeterminati fuq dik il-bażi.

Eżenzjoni ta' transizzjoni għall-esklużjoni tal-introjtu bbażata fuq is-sustanza.

9. (1) Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali , il-valur ta' ħamsa fil-mija (5%) għandu jiġi sostitwit, għal kull sena fiskali li tibda mill-31 ta' Diċembru tas-snin kalendarji ta' wara, bil-valuri kif jinsabu fit-tabella li ġejja:

Sena	**%**
2023	10
2024	9.8
2025	9.6
2026	9.4
2027	9.2
2028	9
2029	8.2
2030	7.4
2031	6.6
2032	5.8

(2) Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 28(4) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali il-valur ta' ħamsa fil-mija (5%) għandu jiġi sostitwit, għal kull sena fiskali li tibda mill-31 ta' Diċembru tas-snin kalendarji ta' wara, bil-valuri kif jinsabu fit-tabella li ġejja:

Sena	**%**
2023	8
2024	7.8
2025	7.6
2026	7.4
2027	7.2

2028	7
2029	6.6
2030	6.2
2031	5.8
2032	5.4

Il-faži inizjali tal-esklużjoni mill-IIR u l-UTPR ta' gruppi MNE u gruppi domestiċi fuq skala kbira.

10. (1) It-taxxa kumplimentari dovuta minn entità omm apikali li tinsab f'Malta f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali, jew minn entità omm intermedja li tinsab f'Malta f'konformità mal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali meta l-entità omm apikali tkun entità eskluża, għandha titnaqqas għal żero (0):

(a) fl-ewwel ħames (5) snin tal-faži inizjali tal-attività internazzjonali tal-grupp MNE, minkejja r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu V tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali;

(b) fl-ewwel ħames (5) snin, li jibdew mill-ewwel jum tas-sena fiskali li fiha l-grupp domestiku fuq skala kbira jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għall-ewwel darba.

(2) Meta l-entità omm apikali ta' grupp MNE tkun tinsab f'ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz, it-taxxa kumplimentari dovuta minn entità kostitwenti li tinsab fi Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali għandha titnaqqas għal żero (0) fl-ewwel ħames (5) snin tal-faži inizjali tal-attività internazzjonali ta' dak il-grupp MNE, minkejja r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu V tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali.

(3) (a) Grupp MNE għandu jitqies li jkun fil-faži inizjali tal-attività internazzjonali tiegħu jekk, għal sena fiskali:

(i) ikollu entitajiet kostitwenti f'mhux aktar minn sitt (6) ġurisdizzjonijiet; u

(ii) is-somma tal-valur nett tal-assi tanġibbli tal-entitajiet kostitwenti kollha tal-grupp MNE li jkunu jinsabu fil-ġurisdizzjonijiet kollha minbarra l-ġurisdizzjoni ta' referenza ma taqbiżx il-ħamsin miljun euro (€ 50,000,000).

(b) Għall-finijiet tal-paragrafu (ii) msemmi hawn fuq, "ġuriżdizzjoni ta' referenza" tfisser il-ġurisdizzjoni li fiha l-entitajiet kostitwenti tal-grupp MNE jkollhom l-ogħla valur totali ta' assi tanġibbli fis-sena fiskali li fiha l-grupp MNE

oriġinarjament jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali. Il-valur totali ta' assi tanġibbli f'ġurisdizzjoni għandu jkun is-somma tal-valur kontabilistiku nett tal-assi tanġibbli kollha tal-entitajiet kostitwenti kollha tal-grupp MNE li jinsabu f'dik il-ġurisdizzjoni.

(4) (a) Il-perijodu ta' ħames (5) snin imsemmi fis-subregolament (1)(a), u fis-subregolament (2) għandu jibda mill-bidu tas-sena fiskali li fiha l-grupp MNE oriġinarjament jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali.

(b) Għall-gruppi MNE li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali meta tidħol fis-seħħ, il-perijodu ta' ħames (5) snin imsemmi fis-subregolament (1)(a) għandu jibda fil-31 ta' Diċembru 2023.

(ċ) Għall-gruppi MNE li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali meta tidħol fis-seħħ, il-perijodu ta' ħames (5) snin imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jibda fil-31 ta' Diċembru 2024.

(d) Għall-gruppi domestiċi fuq skala kbira li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti meta jidħlu fis-seħħ skont ir-regolament 1(2), il-perijodu ta' ħames (5) snin imsemmi fis-subregolament (1)(b), għandu jibda fil-31 ta' Diċembru 2023.

(5) L-entità dikjaranti desinjata msemmija fir-regolament 5 li tinsab f'Malta għandha tinforma lill-Kummissarju dwar il-bidu tal-fażi inizjali tal-attività internazzjonali tal-grupp MNE mhux aktar tard minn tnax-il (12) xahar wara l-aħħar jum tas-sena fiskali ta' rappurtar:

Iżda dik in-notifika għandha ssir lill-Kummissarju fuq dik il-formula u b'dak il-mod li l-Kummissarju jistabbilixxi.

Għażla għal dewmien fl-applikazzjoni tal-IIR u l-UTPR.

11. (1) L-entità omm apikali ta' grupp MNE li tinsab f'Malta għandha taħtar entità dikjaranti desinjata maħtura fi Stat Membru li mhuwiex Malta u liema Stat Membru ma għażilx għal applikazzjoni mdewma tal-IIR u l-UTPR skont l-Artikolu 50(1) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali jew, jekk il-grupp MNE ma għandu l-ebda entità kostitwenti fi Stat Membru ieħor, f'ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz li, għas-sena tat-taxxa ta' rappurtar, għandha ftehim ta' awtorità kompetenti kwalifikata fis-seħħ ma'

Malta.

(2) Skont is-subregolament (1), l-entitajiet kostitwenti li jinsabu f'Malta għandhom jipprovdu lill-entità dikjaranti desinjata bl-informazzjoni meħtieġa biex tikkonforma mal-Artikolu 44(5) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali u għandhom ikunu eżentati mill-preżentata obbligu msemmi fir-regolament 5(2):

Iżda minkejja l-eżenzjoni ta' hawn fuq, l-entitajiet kostitwenti li jinsabu f'Malta jkunu meħtieġa jipprovdu n-notifika kif meħtieġha taħt ir-regolament 5(4).

(3) Il-perċentwal tal-UTPR kif kkalkulat skont l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali ddeterminat għal Malta għandu jitqies bħala żero (0) għas-sena fiskali.

Eżenzjoni tranżitorja għall-preżentazzjoni tal-obbligi.

12. Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 5(7), id-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari u n-notifiki msemmijin fir-regolament 5 għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissarju mhux aktar tard minn tmintax-il (18) xahar wara l-aħħar jum tas-sena fiskali ta' rappurtar li tkun is-sena ta' transizzjoni msemmija fir-regolament 8.

Ir-Raba' Taqsima
Dispożizzjonijiet Finali

Valutazzjoni tal-ekwivalenza.

13. Il-qafas legali implimentat fil-liġi domestika ta' ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz għandu jitqies bħala li huwa ekwivalenti għal IIR kwalifikata deskritta fil-Kapitolu II tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali, u ma għandux jiġi ttrattat bħala reġim tat-taxxa għal kumpaniji barranin kkontrollati, jekk jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jinforza sett ta' regoli li f'konformità magħhom l-entità omm ta' grupp MNE għandha tikkomputa u tħallas is-sehem allokabbli tagħha tat-taxxa kumplimentari fir-rigward tal-entitajiet kostitwenti b'taxxa baxxa tal-grupp MNE;

(b) jistabbilixxi rata tat-taxxa effettiva minima ta' mill-inqas ħmistax fil-mija (15%) li taħtha entità kostitwenti titqies li jkollha rata baxxa ta' tassazzjoni;

(ċ) għall-finijiet tal-komputazzjoni tar-rata minima effettiva tat-taxxa, jippermetti biss it-taħlit tal-introjtu ta' entitajiet li jinsabu fl-istess ġurisdizzjoni;

(d) għall-fini tal-komputazzjoni ta' taxxa kumplimentari

skont IIR ekwivalenti kwalifikata, din tipprevedi eżenzjoni għal kwalunkwe taxxa kumplimentari li tħallset fi Stat Membru b'applikazzjoni ta' IIR kwalifikata u għal kwalunkwe taxxa kumplimentari domestika kwalifikata stipulata fid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali; u

(e) huma inklużi fil-lista ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li implimentaw qafas legali fil-liġi domestika tagħhom li jitqies bħala ekwivalenti għal IIR kwalifikat f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (a) sa (d), tali lista qed issir referenza għaliha fl-Artikolu 52(2) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-Taxxa Minima Globali.

Ftehim bilaterali dwar l-obbligi ta' rapportar simplifikati.

14. Minkejja d-dispożizzjonijiet mnissla fir-regolament 5(6) kwalunkwe ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea ma' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa legali tagħhom ġew ivvalutati bħala ekwivalenti għal IIR kwalifikata f'konformità mar-regolament 13, u liema ftehim jipprovdi għal qafas għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' rapportar stabbiliti f'tali ftehim, għandu ikun applikabbli.